MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 19/2008

**Maurice Agius**

**Vs**

**Ryan Dimech u b'digriet moghti fit-2 ta' Gunju 2011 il-qorti laqghet it-talba sabiex il-kumpannija Elmo Insurance Limited tintervjeni *in statu et terminis*.**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fid-9 ta' Jannar 2008, l-attur qieghed jitlob li l-konvenut jigi dikjarat responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fis-26 ta' Gunju 2007 fi Triq Dun Karm, Iklin bejn il-vettura tal-atturi (HRS 008) u l-karrozza EAF 429 misjuqa mill-konvenut. Talab ukoll li d-danni jigu likwidati fis-somma ta' €26,737.02 u li l-konvenut jigi kundannat ihallas din is-somma.

Il-konvenut baqa’ kontumaci.

Wara li l-qorti semghet ix-xhieda u rat l-atti hi sodisfatta li:-

i. Ghall-incident meritu tal-kawza jahti unikament il-konvenut (ara deposizzjoni tal-attur);
ii. It-tiswija tal-vettura kellha ssir barra minn Malta ghand id-ditta Binz, in kwantu kienet ghadha koperta mill-garanzija. Dan apparti l-fatt li rrizulta li l-vettura HRS 008 hi *custom made* minn din id-ditta tedeska. Tiswija li fissret spiza ta’ hmistax-il elf hames mija u tmienja u disghajn ewro u tnejn u erbghin centezmu (€15,598.42) [ara Dok CA2 datat 21/8/2011 li jaghti prova tal-pagament tramite Bank of Valletta plc, esebit fis-seduta tat-8/7/2011]. Ghalkemm il-kont mahrug minn Binz hu ghas-somma ta’ €16,308.42, mill-atti jirrizulta li l-attur hallas €15,598.42.
iii. Fil-perjodu li l-vettura ma setatx tintuza minhabba t-tiswija, l-attur tilef ix-xoghol li jissemma fid-dokument MA2. Fil-fehma tal-qorti d-dhul li ghandu dritt ghalih l-attur hu l-hlas li kien jircievi kieku hadem dak ix-xoghol, li hu fl-ammont ta’ sebat elef sitt mija u tmienja u tmenin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€7,688.45). Il-qorti ma taqbilx li t-telf ta’ qliegh ghandu jfissru l-paga li seta’ hallas lill-impjegati.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tiddikjara li l-incident tat-traffiku li sehh fis-26 ta’ Gunju 2007 fi Triq Dun Karm, lklin meritu tal-kawza, gara unikament tort tal-konvenut.**
**2. Tiddikjara li d-danni li sofra l-attur huma fis-somma ta’ tlieta u ghoxrin elf mitejn u sitta u tmenin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€23,286.87).**
**3. Tikkundanna lill-konvenut Dimech ihallas lill-attur is-somma ta’ tlieta u ghoxrin elf mitejn u sitta u tmenin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€23,286.87).**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li ghandu jaghmel tajjeb ghall-imghax b’effett mil-lum**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------